Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0277(COD)

28.1.2022

EMENDI
402 - 700

Abbozz ta' opinjoni
Juan Fernando López Aguilar
(PE697.631v01-00)

L-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil

Proposta għal regolament
(COM(2020)0613 – C9-0308/2020 – 2020/0277(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 402
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kapitolu I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
I Dispożizzjonijiet ġenerali	I Dispożizzjonijiet ġenerali ***u proċedurali***

Or. en

Emenda 403
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 Suġġett	1 ***Mira u*** suġġett

Or. en

Emenda 404
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi ***u ta' force majeure*** fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] ***u*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-	1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni]**,** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil]**,** ***fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]*** u fid-

Ritorn].	Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]. ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet, li għandu l-għan li jtaffi l-pressjoni għall-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' kriżi, filwaqt li jipproteġi d-drittijiet tal-applikanti u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż l-aċċess tagħhom għal proċeduri rilevanti u għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati f'sitwazzjoni ta' kriżi.***

Or. en

Emenda 405
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza ***sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure*** fil-qasam ***tal-migrazzjoni u*** tal-ażil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi ***li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]***.	1. Dan ir-Regolament jindirizza ***sitwazzjoni ta' emerġenza*** fil-qasam tal-ażil fl-Unjoni u jipprevedi regoli ***temporanji*** speċifiċi.

Or. en

Emenda 406
Tomas Tobé, Lena Düpont, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza	1. Dan ir-Regolament jindirizza

sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn].	sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]***, meta dawn ir-regolamenti ma jkunux biżżejjed biex jittrattaw sitwazzjoni ta' kriżi u ta' force majeure***.

Or. en

Emenda 407
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' ***kriżi u ta' force majeure*** fil-qasam ***tal-migrazzjoni u*** tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi ***li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]***.	1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' ***emerġenza*** fil-qasam tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi ***f'sitwazzjonijiet bħal dawn. L-għan tiegħu huwa li jappoġġa lill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet bħal dawn billi jaqsam ir-responsabbiltà fost l-Istati Membri u jissimplifika l-proċeduri għall-protezzjoni internazzjonali u r-rilokazzjoni***.

Or. en

Emenda 408
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza ***sitwazzjonijiet*** ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam ***tal-migrazzjoni*** u tal-ażil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn].	1. Dan ir-Regolament jindirizza ***r-regolamentazzjoni straordinarja tas-sitwazzjonijiet*** ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam ***tal-immigrazzjoni*** u tal-ażil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil] u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn].

Or. es

Emenda 409
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons ta' emerġenza, li għandu l-għan li jtaffi l-pressjoni għall-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' emerġenza, li jiżgura kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u li jipproteġi u jsaħħaħ id-drittijiet tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u tal-benefiċjarji tagħha u forom oħra ta' protezzjoni, inkluż l-aċċess għall-proċeduri tal-ażil u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati.

Or. en

Emenda 410
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kunsill Ewropew jista' jiddikjara li Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi u jistabbilixxi l-firxa eżatta ta' miżuri li għandhom jiġu applikati f'tali sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 411
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sitwazzjoni ta' ***kriżi*** għandha tinftiehem bħala:	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sitwazzjoni ta' ***emerġenza*** għandha tinftiehem bħala ***sitwazzjoni eċċezzjonali li tinvolvi għadd konsiderevoli ta' persuni li jaslu fi fruntiera internazzjonali, rata rapida ta' wasla, kapaċità inadegwata ta' assorbiment jew ta' rispons fi Stat Membru, b'mod partikolari matul il-proċeduri ta' emerġenza u ta'ażil individwali li ma jistgħux jittrattaw il-valutazzjoni ta' numri kbar bħal dawn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni hija meħuda mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli, Konklużjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Kondiviżjoni tal-Piż u tar-Responsabbiltà f'Sitwazzjonijiet ta' Influss tal-Massa Nru 100 (LV) - 2004, 8 ta' Ottubru 2004, Nru 100 (LV), disponibbli fuq: https://www.refworld.org/docid/41751fd82.html

Emenda 412
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għall-finijiet ta' dan*** ir-Regolament***, sitwazzjoni ta' kriżi għandha tinftiehem bħala:***	2. ***Il-miżuri f'dan*** ir-Regolament ***għandhom jiġu applikati biss sal-punt strettament meħtieġ mill-ħtiġijiet tas-sitwazzjoni, b'mod temporanju u limitat u biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi ddelineata l-applikazzjoni ta' "sitwazzjoni ta' emerġenza" u jiġi żgurat li tiġi applikata biss meta jkun meħtieġ, ix-shadow rapporteur iddeċieda li jinkludi l-klawżola li ġejja li hija bbażata fuq id-definizzjoni tal-QEDB ta' "sitwazzjoni ta' emerġenza".

Emenda 413
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 414
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala***, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat***, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ ***imwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi***, li jkun ta' tali skala, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali ***kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali*** u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ***il-benesseri tal-popolazzjoni residenti jew is-sigurtà nazzjonali,*** jew

Or. en

Emenda 415
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru ***bl-art jew bil-baħar***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel

popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali ***u jista' jkollu*** konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

is-sistema ***li tidher imħejjija sew*** tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali***, b'mod partikolari minn dak l-Istat Membru li jirċievi aktar applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali minn dak li huwa determinat bħala l-kapaċità minima ta' kriżi għal dak l-Istat Membru skont dan ir-Regolament, li jwassal għal*** konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. en

Emenda 416
Tomas Tobé, Lena Düpont, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala***, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat,*** u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali***,*** u ***r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw is-sitwazzjoni, li*** jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. en

Emenda 417
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ***ta' influss bil-massa*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat ***li*** jaslu b'mod irregolari ***fi*** Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali***, fejn numru kbir*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jaslu b'mod irregolari ***fil-fruntiera esterna ta'*** Stat Membru ***u jitolbu li jidħlu***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. en

Emenda 418
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***b'mod irregolari*** fi Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema	a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***jew li jkunu daħlu fit-territorju*** fi Stat Membru ***b'mod irregolari***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura ***kif ukoll mal-għadd ta' wasliet illegali akkreditati fis-sena immedjatament***

tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

preċedenti, li jagħmel is-sistema ***ordinarja*** tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali fil-livell lokali, reġjonali u/jew nazzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. es

Emenda 419
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***b'mod irregolari*** fi Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***illegalment*** fi Stat Membru, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. en

Emenda 420
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ***, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. en

Emenda 421
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG ***u r-rata tal-qgħad*** tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew

Or. it

Emenda 422
Ondřej Kovařík, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***b'mod irregolari fi*** Stat Membru ***jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala,*** meta mqabbel ***mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u*** natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza ***jew*** tar-ritorn ***tal-Istat Membru*** mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ***jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]***, jew	(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu ***fit-territorju ta'*** Stat Membru meta mqabbel ***mas-sitwazzjoni ġenerali fl-Unjoni, l-influss bil-massa jkun ta'*** natura, li jagħmel is-sistema ***mħejjija sew*** tal-ażil, tal-akkoljenza ***u*** tar-ritorn mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, jew

Or. en

Emenda 423
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a a) Force majeure għandha tinftiehem bħala sitwazzjoni inevitabbli ta' kriżi, fejn issehħ forza irreżistibbli lil hinn mill-kontroll ta' Stat Membru, li tagħmilha impossibbli b'mod pragmatiku għal dan l-Istat Membru biex iwettaq l-obbligi tiegħu skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 424
Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. pl

Emenda 425
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 426
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 427
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni ***li ma jistax jitnaqqas mill-politiki ta' dimensjoni esterna fil-qafas tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni, inkluż permezz tal-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji[9a] jew qabel id-dħul tal-persuni msemmija fil-punt (a)***.
	[9a] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni (C(2020) 6469, 23.9.2020)

Or. en

Emenda 428
Ondřej Kovařík, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni ***li ma jistax jitnaqqas b'azzjonijiet immedjati fid-dimensjoni esterna jew qabel id-dħul ta' dawk il-persuni***.

Or. en

Emenda 429

Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-miżuri temporanji adottati skont dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ħtieġa u proporzjonalità, għandhom ikunu xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati tagħhom u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE dwar l-ażil. Tali miżuri għandhom ikunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE dwar l-ażil, jiġifieri eżami sħiħ u individwali taċ-ċirkostanzi li jikkonċernaw il-ħtieġa ta' protezzjoni tal-applikant.

Or. en

Emenda 430
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament ma japplikax meta l-Kummissjoni jew il-Kunsill ikunu ħadu deċiżjoni li ssib li pajjiż terz ikun involut fi gwerra ibrida kontra l-Unjoni billi juża l-migrazzjoni bħala arma sabiex jiddestabbilizza Stat Membru jew l-Unjoni.

Or. en

Emenda 431
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(a) "sitwazzjoni ta' emerġenza" tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali kkaratterizzata minn wasla f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat fuq tali skala, fi proporzjon mal-popolazzjoni, il-PDG, u l-kapaċità ta' akkoljenza tal-Istat Membru kkonċernat, u ta' tali impatt, li dan iwassal għal konsegwenzi umanitarji, soċjali jew ekonomiċi estensivi u severi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Is-sitwazzjoni ta' emerġenza hija ta' tali natura li tagħmel is-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza, tal-integrazzjoni, jew tal-protezzjoni tat-tfal tal-Istat Membru mhux funzjonali, u tagħmel il-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil impossibbli.
	(b) "protezzjoni internazzjonali prima facie" tfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' status ta' rifuġjat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar standards għall-kwalifika] abbażi ta' ċirkostanzi faċilment evidenti u oġġettivi fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza abitwali preċedenti, jew parti speċifika minnu, jew fir-rigward ta' grupp speċifiku ta' applikanti. Id-detenturi ta' status ta' protezzjoni prima facie għandhom jitqiesu bħala persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli;
	(c) "protezzjoni immedjata" tfisser proċedura ta' karattru eċċezzjonali li tipprovdi, fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fis-[subparagrafu (a)] ta' dan l-Artikolu,

protezzjoni immedjata u temporanja lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali prima facie u li qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju, b'mod partikolari dawk li qed jaħarbu miż-żoni ta' kunflitt armat jew vjolenza endemika jew indiskriminata, applikanti li huma f'riskju serju ta', jew li kienu vittmi ta' ksur sistematiku jew ġeneralizzat tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, jew applikanti li qed jaħarbu minn diżastru ambjentali li rriżulta fi tfixkil sostanzjali tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, jew lil applikanti miċħuda li ma jistgħux jirritornaw b'mod sikur lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom jew lejn ir-residenza abitwali ta' qabel tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jemmen li flimkien ma' fatturi ekonomiċi li jiddeterminaw sitwazzjoni ta' emerġenza, għandhom jiġu inklużi wkoll fatturi umanitarji u soċjali (pereżempju, kampijiet iffullati żżejjed u kundizzjonijiet ta' akkoljenza mhux deċenti).

Emenda 432
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Determinazzjoni annwali tal-kapaċità minima għall-kriżijiet
	1. Sabiex jiġi stabbilit x'jikkostitwixxi sistema mħejjija sew ta'ażil, akkoljenza jew ritorn kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kull sena l-kapaċità minima għall-kriżijiet għall-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan mal-adozzjoni tar-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

2. Fid-determinazzjoni tal-kapaċità minima għall-kriżijiet ta' kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-elementi elenkati fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Or. en

Emenda 433
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Kriterji u dispożizzjonijiet proċedurali
	1. Meta Stat Membru jqis li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi, għandu jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni biex jiġu applikati l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta tinqabeż il-kapaċità minima għall-kriżijiet ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill biex jissottometti talba motivata bħal din.
	2. Meta, abbażi tal-eżami mwettaq f'konformità mal-paragrafu 5, il-Kummissjoni tqis li tali talba tkun ġustifikata, hija għandha, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, tiddetermina li l-Istat Membru kkonċernat jinsab f'sitwazzjoni ta' kriżi.
	3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi adottata fi żmien għaxart

ijiem mit-talba f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 2(4) u fl-Artikolu 11.

4. Fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta waħda jew aktar mill-miżuri ta' kriżi li ġejjin:

(a) tipprevedi l-miżuri li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil;

(b) tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika r-regoli derogatorji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3a, 3b, 4, 5, 5a, jew 5b ta' dan ir-Regolament;

(c) tawtorizza lill-aġenziji tal-UE jagħtu prijorità lill-appoġġ operazzjonali u tekniku tagħhom lill-Istat Membru kkonċernat, inkluż billi jibdew il-varar tal-kompiti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 9c u l-Artikolu 9d;

(d) tobbliga lill-Istati Membri japplikaw proċeduri simplifikati u aċċellerati f'ċerti każijiet f'konformità mal-Artikolu 10;

(e) talloka appoġġ finanzjarju għal kwalunkwe miżura ta' kriżi adottata skont dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 9e;

(f) tinforma lill-Koordinatur tal-Kriżijiet tal-UE bis-sejbiet tagħha u tipprovdi għal struzzjonijiet inizjali.

5. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba motivata skont l-elementi elenkati fl-Artikolu 50(3) u l-Artikolu 50(4) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Or. en

Emenda 434
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II ***Mekkaniżmu ta' solidarjetà***	II ***Determinazzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza***

Or. en

Emenda 435
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II ***Mekkaniżmu*** ta' solidarjetà	II ***Proċeduri*** ta' solidarjetà ***u tal-użil u tar-ritorn f'sitwazzjoni ta' kriżi***

Or. en

Emenda 436
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II Mekkaniżmu ta' ***solidarjetà***	II Mekkaniżmu ta' ***Governanza f'Sitwazzjoni ta' Emerġenza***

Or. en

Emenda 437
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Emenda 438
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 2	***imħassar***
Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	
2. B'deroga mill-Artikolu 50(3), il-valutazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahar [wieħed] preċedenti.	
3. B'deroga mill-Artikoli 51(1), 52(3) u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitqassru għal ġimgħa waħda.	
4. B'deroga mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rapport imsemmi fih għandu jindika jekk l-Istat Membru kkonċernat jinsabx f'sitwazzjoni	

ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-Artikolu 51(3)(b)(ii), l-Artikolu 52(1) u 52(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 53(3)(a) tar-Regolament (UE) XXX/XXX[il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rilokazzjoni għandha tinkludi mhux biss persuni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament, iżda wkoll persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45(2).

6. B'deroga mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], is-sehem ikkalkulat skont il-formula stabbilita f'dak l-Artikolu għandu japplika wkoll għal miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(2), il-punti (a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

7. B'deroga mill-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenza stabbilita fih għandha tkun ta' erba' xhur.

Or. en

Emenda 439
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 2	***imħassar***
Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-	

Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.

2. B'deroga mill-Artikolu 50(3), il-valutazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahar [wieħed] preċedenti.

3. B'deroga mill-Artikoli 51(1), 52(3) u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitqassru għal ġimgħa waħda.

4. B'deroga mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rapport imsemmi fih għandu jindika jekk l-Istat Membru kkonċernat jinsabx f'sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-Artikolu 51(3)(b)(ii), l-Artikolu 52(1) u 52(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 53(3)(a) tar-Regolament (UE) XXX/XXX[il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rilokazzjoni għandha tinkludi mhux biss persuni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament, iżda wkoll persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45(2).

6. B'deroga mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], is-sehem ikkalkulat skont il-formula stabbilita f'dak l-Artikolu għandu japplika wkoll għal miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(2), il-punti (a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

7. B'deroga mill-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenza stabbilita fih għandha tkun ta' erba' xhur.

Or. en

Emenda 440
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 2	***imħassar***
Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	
2. B'deroga mill-Artikolu 50(3), il-valutazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahar [wieħed] preċedenti.	
3. B'deroga mill-Artikoli 51(1), 52(3) u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitqassru għal ġimgħa waħda.	
4. B'deroga mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rapport imsemmi fih għandu jindika jekk l-Istat Membru kkonċernat jinsabx f'sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dan ir-Regolament.	
5. B'deroga mill-Artikolu 51(3)(b)(ii), l-Artikolu 52(1) u 52(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 53(3)(a) tar-	

Regolament (UE) XXX/XXX[il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rilokazzjoni għandha tinkludi mhux biss persuni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament, iżda wkoll persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45(2).

6. B'deroga mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], is-sehem ikkalkulat skont il-formula stabbilita f'dak l-Artikolu għandu japplika wkoll għal miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(2), il-punti (a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

7. B'deroga mill-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenza stabbilita fih għandha tkun ta' erba' xhur.

Or. en

Emenda 441
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	***Kontribuzzjonijiet volontarji*** f'sitwazzjonijiet ta' kriżi

Or. en

Emenda 442
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-	1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-

benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), ***il-punt (d)***, l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), ***l-Artikolu 46(a) u (d)***, l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.
	Or. it

Emenda 443
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis***, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi***.	1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis***. Il-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għandha tkun ibbażata fuq l-għażla libera ta' kull Stat Membru kontribwenti, imfassla għall-kapaċitajiet individwali tagħhom u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom***.
	Or. en

Emenda 444
Ondřej Kovařík, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni ***tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47***, l-Artikolu 48***,*** l-Artikolu 49***, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi***.	1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ***meta l-miżuri skont il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament ma jkunux biżżejjed għall-ġestjoni tas-sitwazzjoni*** ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni ***tal-Artikolu 47***, l-Artikolu 48 ***u*** l-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 445
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), ***l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49,*** l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.

Or. en

Emenda 446
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ***ta' solidarjetà*** għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ***volontarji*** għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.

Or. en

Emenda 447
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu ta' ***erba' ġimgħat***. Jekk Stat Membru jqis li jkun meħtieġ li jestendi aktar l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6, huwa għandu jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' ***erba' ġimgħat***. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-titwil tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu addizzjonali ta' erba' ġimgħat, li għandu jkun jista' jiġġedded darba. Il-perjodu ta' applikazzjoni ma għandux jaqbeż ***it-tnax-il*** ġimgħa b'kollox, inkluż, fejn jiġi applikat il-paragrafu 8, il-perjodu ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.	applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu ta' ***tnax-il ġimgħa***. Jekk Stat Membru jqis li jkun meħtieġ li jestendi aktar l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6, huwa għandu jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' ***tnax-il ġimgħa***. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-titwil tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu addizzjonali ta' erba' ġimgħat, li għandu jkun jista' jiġġedded darba. Il-perjodu ta' applikazzjoni ma għandux jaqbeż ***l-għoxrin*** ġimgħa b'kollox, inkluż, fejn jiġi applikat il-paragrafu 8, il-perjodu ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 503
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 504
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 505
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta jissottometti t-talba msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta' din it-talba mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara t-talba u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika fit-talba r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 506
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta jissottometti ***t-talba*** msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli	7. Meta jissottometti ***n-notifika*** msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli

stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi ***konkluż*** l-eżami ta' din ***it-talba*** mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara ***t-talba*** u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika ***fit-talba*** r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.	stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi ***evalwat*** l-eżami ta' din ***in-notifika*** mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara ***n-notifika*** u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika ***fin-notifika*** r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.

Or. en

Emenda 507
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta jissottometti ***t-talba*** msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta' din ***it-talba*** mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara ***t-talba*** u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika ***fit-talba*** r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.	7. Meta jissottometti ***n-notifika*** msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta' din ***in-notifika*** mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara ***n-notifika*** u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika ***fin-notifika*** r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata. ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat u tadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fil-perjodu ta' 15-il jum.***

Or. en

Emenda 508

Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta jissottometti t-talba msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta' din it-talba mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara t-talba u għal perjodu li ma jaqbiżx ***il-15-il jum***. L-Istat Membru għandu jindika fit-talba r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.	7. Meta jissottometti t-talba msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta' din it-talba mill-Kummissjoni. F'tali każ, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta' wara t-talba u għal perjodu li ma jaqbiżx ***ix-xahar***. L-Istat Membru għandu jindika fit-talba r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.

Or. es

Emenda 509
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Thejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31], l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-	***imħassar***

Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

_____

*[31] **Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.)***

Or. en

Emenda 510
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31], l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	8. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31], l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]. ***filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari r-rapporti tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew tas-servizzi militari tal-Istat Membru responsabbli għad-difiża jew il-protezzjoni tal-fruntiera***.

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11)

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11)

Or. es

Emenda 511
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha teżamina ***t-talba motivata*** skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31] , l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	8. Il-Kummissjoni għandha teżamina ***n-notifika*** skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31] , l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]***, u informazzjoni rilevanti oħra minn korpi, aġenziji u uffiċċji tal-Unjoni***.

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

Or. en

Emenda 512
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha teżamina ***t-talba*** motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31] , l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	8. Il-Kummissjoni għandha teżamina ***n-notifika*** motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[31] , l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].
[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).	[31] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

Or. en

Emenda 513
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Allokazzjoni tar-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għall-ażil li jkunu għaddejjin permezz ta' proċedura ħafifa awtomatika f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1)(a), u wara d-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' emerġenza mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2b, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-applikant dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għat-talba tiegħu jew tagħha f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u għandu jwettaq intervista personali f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].
	2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina malajr l-Istat Membru ta' allokazzjoni meta jkun hemm, prima facie, biżżejjed indikaturi li juru li l-applikant għandu rabtiet sinifikattivi f'konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-kriterji fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] ma' Stat Membru partikolari għajr l-Istat Membru determinanti.
	3. Fl-istabbiliment ta' jekk hemmx biżżejjed indikaturi li juru li l-applikant għandu rabtiet sinifikattivi ma' Stat Membru partikolari, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibbaża d-determinazzjoni tiegħu fuq evidenza u informazzjoni oħra pprovduta mill-applikant u għandu jikkonsulta bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura wkoll li l-applikant jifhem li mhuwiex se jitħalla jibqa' fl-Istat Membru tal-allokazzjoni sakemm l-evidenza u l-informazzjoni pprovduti ma jistgħux jiġu vverifikati minn dak l-Istat Membru. Jekk

l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, jew miġbura permezz tal-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni, ma tagħtix lok għal raġunijiet manifesti ta' dubju li l-kriterji fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] japplikaw għal Stat Membru partikolari, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonkludi li, prima facie, hemm biżżejjed indikaturi li juru li r-rabtiet inkwistjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-applikant jista' jkollu rabta għandhom jassistu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru determinanti billi jwieġbu kwalunkwe mistoqsija li l-għan tagħha jkun li tikkjarifika jekk l-allegati rabtiet tal-familja humiex korretti.

4. Jekk l-Istat Membru kkonċernat iqis, skont il-paragrafi 1 u 2, li Stat Membru partikolari x'aktarx, prima facie, huwa l-Istat Membru ta' allokazzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istat Membru ta' allokazzjoni u l-applikant għandu jiġi trasferit lejn dak l-Istat Membru.

5. L-Istat Membru determinanti għandu jittrasferixxi l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant lill-Istat Membru tal-allokazzjoni permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

6. L-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3, jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] ġewx issodisfati. F'dak il-każ, l-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.

7. Jekk sussegwentement jiġi stabbilit li l-applikant ma għandu l-ebda rabta

ġenwina ma' Stat Membru partikolari, l-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu jiżgura li l-applikant jiġi rilokat lejn Stat Membru responsabbli ieħor f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3b.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Shadow believes that the mechanisms for determining responsibility for an asylum claim and for exercising solidarity proposed by the Commission will not help adequately address a situation of emergency, as they do not guarantee that relocations will take place and would leave the Member State concerned responsible in many instances. Therefore, the Shadow proposes a different relocation system that is predictable, efficient and automatic. In this system, applicants who have any meaningful links with a particular Member State will be transferred to that Member State. Applicants and beneficiaries who have no such link will be relocated via a reference key. As long as the applicant has registered in the first member state, he or she will be given the option to choose between four Member States which have received the lowest number of applicants in relation to the reference key, which the Shadow believes will improve integration prospects.

Emenda 514
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jikkoordina r-rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istati Membri kontributuri.
	2. Fil-kompiti tiegħu, il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu jkun megħjun minn Uffiċċju sabiex jappoġġa l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni tal-

proċeduri.

3. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE se jkun appoġġat mill-Aġenzija għall-Ażil li għandha l-kompitu li tikkalkula l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, li twaqqaf u tiġġestixxi software awtomatizzat biex jiddistribwixxi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 515
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Applikazzjonijiet f'pajjiżi terzi sikuri
	1. F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u jżommu sistema meta s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-ażil tkun possibbli biss fil-konsulati ta' pajjiżi terzi sikuri.
	2. Dawk li jaslu fil-fruntiera esterna ta' Stat Membru biex jippreżentaw applikazzjoni għall-ażil hemmhekk, u li jaslu minn pajjiż terz sikur, jistgħu jintbagħtu għand il-konsulat tal-Istat Membru fil-pajjiż terz sikur ġar.

Or. en

Emenda 516
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]
	1. F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].

Or. en

Emenda 517
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr Stat, li japplikaw fit-territorju ta' kwalunkwe wieħed minnhom, inkluż fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu, għandhom jiddeterminaw malajr Stat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

2. Għal dan il-għan, l-Istat Membru determinanti għandu jistabbilixxi proċedura ħafifa meta, prima facie, ikun hemm biżżejjed indikaturi li juru li x'aktarx ikollhom rabtiet familjari jew rabtiet sinifikattivi oħra ma' Stat Membru partikolari. Il-valutazzjoni tal-Istat Membru determinanti għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-applikant jew mill-qraba preżenti fi Stat Membru ieħor. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn l-applikant jista' jkollu rabta għandhom jassistu lill-Istat Membru determinanti jwieġeb kwalunkwe mistoqsija jew jipprovdi dokumenti kemm jista' jkun malajr.

Il-proċedura ħafifa bbażata fuq indikaturi prima facie għandha tapplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-applikant jiddikjara li għandu membru tal-familja, irrispettivament minn jekk il-familja kinitx ġiet ifformata qabel fil-pajjiż ta' oriġini, li huwa legalment residenti fi Stat Membru;

(b) meta l-applikant jiddikjara li kellu residenza jew viża preċedenti fi Stat Membru;

(c) meta l-applikant jiddikjara li studja fi Stat Membru;

L-Istat Membru determinanti għandu jiżgura li l-applikant jifhem li huwa jew hija mhuwiex se jitħalla jibqa' fl-Istat Membru fejn huwa jew hija jiddikjara li għandu membri tal-familja jew rabtiet sinifikattivi sakemm tali talba ma tkunx tista' tiġi vverifikata minn dak l-Istat Membru wara t-trasferiment tiegħu jew tagħha.

Jekk l-informazzjoni pprovduta mill-applikant ma tagħtix raġunijiet manifesti biex tiġi ddubitata l-preżenza ta' membri tal-familja jew ta' rabtiet sinifikattivi oħra fl-Istat Membru indikat mill-applikant, għandu jiġi konkluż li, prima facie, hemm biżżejjed indikaturi biex jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor. L-Istat Membru

determinanti għandu jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli. L-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu wara li jqis l-evidenza ċirkostanzjali kollha disponibbli, inklużi ritratti, prova ta' kuntatt u dikjarazzjonijiet tax-xhieda biex jagħmel evalwazzjoni ġusta tar-relazzjoni. In-nuqqas ta' tweġiba għat-talba biex tittieħed responsabbiltà fi żmien ġimagħtejn għandu jkun ekwivalenti għal konferma tat-talba.

It-trasferiment għandu jiġi ffaċilitat bil-ħruġ ta' laissez-passer.

L-Istat Membru determinanti għandu jittrasferixxi l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant lill-Istat Membru tal-allokazzjoni permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

3. Meta l-applikant ikollu rabtiet fi Stati Membri differenti, l-applikant għandu jkun jista' jagħżel l-Istat Membru fejn huwa jew hija jkun irid jiġi ttrasferit u jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

4. Jekk wara t-trasferiment, jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja u r-rabtiet sinifikattivi ma ġewx issodisfati, l-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu jiżgura li l-applikant jiġi rilokat lejn Stat Membru responsabbli ieħor f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3c tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

5. Meta ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat Stat Membru responsabbli abbażi ta' rabtiet familjari jew rabtiet sinifikattivi oħra, l-Istat Membru responsabbli għandu jiġi ddeterminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3c tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

6. Kwalunkwe Stat Membru jista' jitlob b'mod proattiv biex jieħu r-responsabbiltà

ta' applikant, b'mod partikolari għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq kunsiderazzjonijiet tal-familja, tas-saħħa, kulturali jew soċjali, ħiliet lingwistiċi jew rabtiet sinifikattivi oħra li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tiegħu jew tagħha. Il-persuni kkonċernati jeħtiġilhom juru li jaqblu bil-miktub.

7. Applikant jista' jitlob ukoll lill-Istat Membru determinanti biex jikkuntattja lil Stati Membri oħra biex jittrasferixxu talba motivata kif xieraq ħalli jipproċessaw l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha. L-Istat Membru, jew l-Istati Membri, li tkun saritilhom it-talba għandhom jindikaw, fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievu t-talba, jekk għandhomx l-intenzjoni li jassumu r-responsabilità għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Meta l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jaċċetta t-talba, dan għandu jsir l-Istat Membru responsabbli. L-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jiżgura li l-applikant jiġi trasferit lill-Istat Membru responsabbli.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iżommu lill-applikanti infurmati dwar il-progress tal-proċeduri mwettqa skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom. Tali informazzjoni għandha tingħata bil-miktub f'intervalli regolari. Fil-każ tal-minorenni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw kemm lill-minorenni kif ukoll lir-rappreżentant bl-istess modalitajiet.

Or. en

Emenda 518
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Allokazzjoni awtomatika f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1)(a), meta ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-proċedura ħafifa fl-Artikolu 3a, jew meta r-rilokazzjoni għandha tiġi applikata u ma tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta sinifikattiva ma' Stat Membru, l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandu jikkomunika lill-applikant jew lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, inklużi d-detenturi ta' protezzjoni internazzjonali prima facie, li huwa jew hija se jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ta' allokazzjoni li, meta applikabbli, se jsir responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali.
	2. Abbażi tal-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 3c, għandha tiġi ddeterminata lista ta' erba' Stati Membri bl-inqas numru ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont dak il-fattur ta' referenza.
	3. L-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandu jikkomunika l-lista msemmija fil-paragrafu 2, flimkien ma' informazzjoni dwar l-Istati Membri fuq dik il-lista, lill-applikant jew lill-benefiċjarju. Fi żmien tlett ijiem minn din il-komunikazzjoni, l-applikant jew il-benefiċjarju għandu jingħata l-opportunità li jagħżel minn fost l-erba' Stati Membri inklużi fil-lista.
	4. Jekk l-applikant jew il-benefiċjarju ma jagħżilx Stat Membru f'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandu jalloka l-applikant jew il-benefiċjarju lill-Istat Membru bl-inqas numru ta' applikanti relattiv għas-sehem tagħhom

skont il-fattur ta' referenza, jew lil Stat Membru ieħor li jkun qabel li jaċċettahom fuq bażi volontarja f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

5. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu jappoġġa u jiffaċilita l-proċeduri li jwasslu għar-rilokazzjoni ta' applikanti u benefiċjarji, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għal minorenni mhux akkumpanjati u għal persuni oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli. Il-koordinatur għandu dejjem jiżgura l-unità tal-familja, meta jimplimenta l-proċeduri ta' rilokazzjoni. Għandhom jikkoordinaw l-aspetti operazzjonali tar-rilokazzjoni, inkluż bl-assistenza ta' esperti jew ta' timijiet ta' esperti li għandhom jiġu skjerati mill-Aġenzija għall-Ażil jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-mudell ta' rilokazzjoni rivedut propost mix-shadow rapporteur, il-membri tal-familja għandhom dejjem jiġu ttrasferiti fl-Istat Membru, biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-unità tal-familja.

Emenda 519
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Estensjoni tal-limitu ta' żmien għall-proċeduri ta' skrinjar
	1. B'deroga mill-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-

Regolament dwar l-Iskrinjar], il-perjodu li matulu titwettaq proċedura ta' skrinjar jista' jiġi estiż b'ħamest ijiem.

Or. en

Emenda 520
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Allokazzjoni awtomatika tal-applikanti mingħajr rabtiet sinifikattivi
	1. Meta l-Istat Membru responsabbli ma jkunx jista' jiġi ddeterminat abbażi ta' rabtiet familjari jew rabtiet sinifikattivi oħra, l-Istat Membru determinanti għandu jikkomunika lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali se tiġi eżaminata minn Stat Membru tal-allokazzjoni.
	2. Abbażi tal-fattur ta' distribuzzjoni msemmi fl-Artikolu 3d, lista qasira ta' ħames Stati Membri bl-inqas numru ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont dak il-fattur ta' distribuzzjoni għandha tiġi ddeterminata permezz tas-sistema awtomatizzata.
	3. L-Istat Membru determinanti għandu jikkomunika l-lista qasira msemmija fil-paragrafu 2, flimkien ma' informazzjoni dwar l-Istati Membri fuq dik il-lista qasira, lill-applikant. Fi żmien ħamest ijiem minn din il-komunikazzjoni, l-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħżel Stat Membru tal-allokazzjoni fost il-ħames Stati Membri inklużi fil-lista l-qasira. Jekk l-applikant ma jkunx għażel Stat Membru f'konformità mal-ewwel

subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru determinanti għandu jalloka l-applikant lill-Istat Membru fuq il-lista qasira bl-inqas numru ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont il-fattur ta' distribuzzjoni msemmi fl-Artikolu 3d meta l-lista tkun ġiet ikkumpilata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw mutatis mutandis fil-każ fejn l-applikanti jkunu rreġistraw bħala familji, qraba jew gruppi ta' applikanti li jkunu talbu li jiġu rreġistrati bħala li jivvjaġġaw flimkien. F'każijiet fejn ma tkunx tista' tintlaħaq għażla unanima bejn il-membri tal-grupp, kull membru tal-grupp ta' qabel għandu jkun jista' jagħżel Stat Membru tal-allokazzjoni, mil-lista stabbilita għall-ewwel grupp, f'konformità mal-paragrafu 2. Meta l-għażla ma tiġix ikkomunikata lill-awtoritajiet determinanti fi żmien ħamest ijiem, l-applikant għandu jiġi allokat lill-Istat Membru bl-inqas numru ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont il-fattur ta' distribuzzjoni msemmi fl-Artikolu 3d meta l-lista tkun ġiet ikkumpilata f'konformità mal-paragrafu 2.

5. L-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fil-forma ta' appell jew rieżami, fil-fatt u fil-liġi, kontra deċiżjoni ta' trasferiment jew deċiżjoni ta' rifjut ta' talba biex tittieħed responsabbiltà, quddiem qorti jew tribunal. Ma għandu jsir l-ebda trasferiment qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-appell jew tar-rieżami.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew kunsillier ieħor bl-ispejjeż għalih, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata għandha aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali u, fejn meħtieġ, assistenza lingwistika u medjazzjoni

interkulturali, fl-istadji kollha tal-proċedura previsti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 521
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Fattur ta' referenza
	1. Is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni minn kull Stat Membru kontributur għandu jiġi kkalkulat mill-Aġenzija għall-Ażil u mill-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, f'konformità mal-kriterji li ġejjin għal kull Stat Membru, skont l-aħħar data tal-Eurostat disponibbli:
	(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 35 %);
	(b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta' 35 %);
	(c) l-għadd medju ta' talbiet għall-ażil ipproċessati għal kull miljun abitant (ponderazzjoni ta' 15 %);
	(d) l-għadd medju ta' rifuġjati risistemati jew ammessi għal kull miljun abitant (ponderazzjoni ta' 15 %).

Or. en

Emenda 522
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Rilokazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. Il-kontribuzzjonijiet għar-rilokazzjoni għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandhom jikkonsistu minn:
	(a) rilokazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu pendenti;
	(b) rilokazzjoni ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali prima facie;
	(c) rilokazzjoni ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali għal inqas minn tliet snin u li jkunu għamlu talba bil-miktub għal tali rilokazzjoni.
	2. Ir-rekwiżiti proċedurali għar-rilokazzjoni speċifikati fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) XX/XXXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għandhom japplikaw għar-rilokazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza.
	3. Taħt il-koordinazzjoni tal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, l-Aġenzija għall-Ażil għandha tfassal il-lista ta' persuni eliġibbli li għandhom jiġu rilokati. Il-lista għandha tindika d-distribuzzjoni ta' dawk il-persuni fost l-Istati Membri kontributuri filwaqt li jitqies l-għadd totali ta' persuni li għandhom jiġu rilokati minn kull Stat Membru, in-nazzjonalità ta' dawk il-persuni u l-eżistenza ta' rabtiet sinifikattivi bejniethom u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Il-persuni eliġibbli għandhom jiġu kkonsultati matul id-determinazzjoni ta' rabtiet sinifikattivi u għandu jkollhom id-dritt li joġġezzjonaw għal tali kategorizzazzjoni. Għandha tingħata prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati u ta' persuni oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli, inklużi persuni mogħtija protezzjoni internazzjonali prima facie. Meta persuna

jkollha rabtiet sinifikattivi ma' aktar minn Stat Membru wieħed, għandha tipprevali l-preferenza tal-persuna. Meta ma jkunux jistgħu jiġu determinati rabtiet sinifikattivi, għandha tapplika l-proċedura fl-Artikolu 3b.

4. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni mir-riżerva ta' solidarjetà stabbilita skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jistgħu jintużaw għall-finijiet li tittaffa immedjatament il-pressjoni fuq l-Istat Membru kkonċernat. Meta r-riżerva ta' solidarjetà ma tkunx biżżejjed sabiex ittaffi minnufih l-isfidi ffaċċjati mill-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mir-riżerva ta' solidarjetà tal-Istati Membri l-oħra stabbiliti skont l-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jistgħu jintużaw sakemm dan ma jipperikolax il-funzjonament tar-riżerva għal dawk l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 523
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Fattur ta' referenza
	Is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni minn kull Stat Membru kontributur għandu jiġi kkalkulat mill-Aġenzija għall-Ażil, f'konformità mal-formula li ġejja għal kull Stat Membru, skont l-aħħar data tal-Eurostat

disponibbli:

(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 40 %)

(b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta' 40 %)

(c) ir-rata tal-qgħad (ponderazzjoni ta' 20 %)

Or. en

Emenda 524
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3e
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġa r-rilokazzjoni obbligatorja stabbilita f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt, sabiex jikkoordina l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għall-Istati Membri kontributuri li jimplimentaw l-obbligi tagħhom ta' rilokazzjoni.
	2. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu:
	(a) jikkoordina u jappoġġa l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri involuti;
	(b) iżomm rendikont tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni, u segwitu fuq ir-rilokazzjonijiet li jkunu għaddejjin, u fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri involuti;
	(c) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat, u l-Istat Membru

kontributur, biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet, inkluż f'livell operazzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-aħjar interazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri, fl-interess tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorja;

(d) jippromwovi l-aħjar prattiki fil-qasam tar-rilokazzjoni;

(e)iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-kapaċitajiet u r-rieda tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li jieħdu sehem fi sforzi ta' rilokazzjoni.

3. L-uffiċċju tal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu jiġi pprovdut b'biżżejjed persunal u riżorsi biex iwettaq dan ir-rwol b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 525
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3e
	Rilokazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. Il-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni għall-benefiċċju ta' Stat Membru inkluż dawk soġġetti għal żbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ għandhom jikkonsistu minn dawn it-tipi li ġejjin:
	(a) ir-rilokazzjoni ta' applikanti għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;
	(b) ir-rilokazzjoni ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali prima facie;
	(c) ir-rilokazzjoni ta' benefiċjarji tal-

protezzjoni internazzjonali li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali inqas minn tliet snin qabel fuq it-talba tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali.

2. Ir-rekwiżiti proċedurali għar-rilokazzjoni deskritti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għandhom japplikaw għar-rilokazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri benefiċjarji u l-Istati Membri kontributuri għandhom iżommu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija għall-Ażil infurmati dwar l-implimentazzjoni ta' weħdiet ta' rilokazzjoni addizzjonali li jsiru fuq livell bilaterali, lil hinn mill-kontribuzzjonijiet stabbiliti taħt il-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatika.

4. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu jikkoordina l-aspetti operazzjonali tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni bl-appoġġ tekniku tal-Aġenzija għall-Ażil.

Or. en

Emenda 526
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3f
	Appoġġ finanzjarju, operazzjonali u umanitarju fi żminijiet ta' emerġenza
	1. L-appoġġ għall-finanzjament wara r-rilokazzjoni skont l-Artikoli 3a sa 3d ta' dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, abbażi tal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament.

2. L-appoġġ tal-finanzjament ta' emerġenza għall-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza jista' jingħata skont l-Artikolu 31(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/1147. Il-finanzjament skont l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 11(9) u l-Anness II(2.)(d) u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/1147 jista' jiġi allokat lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet lokali u reġjonali li jappoġġaw l-isforzi ta' rilokazzjoni mill-Istati Membri tagħhom.

3. Fuq talba, u f'kooperazzjoni u koordinazzjoni sħiħa mal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-aspetti operazzjonali tal-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni proposti mill-Istati Membri kontributuri, inkluża kwalunkwe assistenza jew timijiet skjerati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex jipprovdu appoġġ operazzjonali. L-assistenza operazzjonali mill-Aġenzija għall-Ażil tista' tinkludi uffiċjali tal-każ, għajnuna legali, u interpreti, bil-ħsieb li l-proċessi ta' rilokazzjoni jiġu implimentati bla xkiel. L-Istati Membri għandhom jiddependu mill-Aġenzija għall-Ażil għal assistenza fit-taħriġ, assistenza operazzjonali u teknika abbażi tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil].

4. Fuq talba, u f'kooperazzjoni u koordinazzjoni sħiħa mal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni għandha tikkoordina wkoll l-appoġġ umanitarju pprovdut lill-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza. L-appoġġ umanitarju għandu jiġi mmobilizzat mill-għodod umanitarji disponibbli, inkluż ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u

rescEU abbażi tad-Deċiżjoni (UE) 2019/420.

Or. en

Emenda 527
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 3g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3g
	Ir-responsabbiltà tal-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza
	1. F'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandu jkompli jipprovdi kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u ħtiġijiet bażiċi, inkluża l-kura tas-saħħa mentali u fiżika, lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.
	2. Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkompli jagħti lill-ulied minorenni tal-applikanti u lill-applikanti minorenni aċċess għall-edukazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.
	3. Fi żminijiet ta' emerġenza, l-Istat Membru kkonċernat jista' jipprovdi aċċess immedjat għas-suq tax-xogħol lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u lill-benefiċjarji għaliha, speċjalment dawk meqjusa bħala "persunal essenzjali".

Or. en

Emenda 528

Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil	
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' applikazzjonijiet magħmula fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu, jidderogaw mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ġej:	
(a) B'deroga mill-Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-Istati Membri jistgħu fi proċedura fuq il-fruntiera jieħdu deċiżjonijiet dwar il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, qabel kien resident abitwali ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali mill-awtorità determinanti jkun, skont l-aħħar data annwali disponibbli tal-Eurostat mal-UE kollha, 75 % jew anqas, minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil];	
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn ***erba' ġimgħat*** minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].	F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn ***tnax-il ġimgħa*** minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].

Or. en

Emenda 571
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn ***erba'*** ġimgħat minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].	F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn ***tmien*** ġimgħat minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].

Or. es

Emenda 572
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Eurodac]
	F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-limitu ta' żmien ta' 72 siegħa għat-trażmissjoni ta' sett tad-data bijometriku stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għandu jiġi estiż sa sebat ijiem.

Or. en

Emenda 573
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6b
	Estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]
	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 29, 30, 31 u 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom l-Istat Membru jqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ li jiġi applikat. Wara tali notifika, permezz ta' deroga mill-Artikoli 29, 30, 31 u 35 ta' dak ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu:
	(a) jissottometti talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 29 fi żmien erba' xhur mid-data li fiha l-

applikazzjoni kienet irreġistrata;

(b) iwieġeb għal talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 30 fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba;

(c) jissottometti notifika biex l-applikant jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu 31 fi żmien xahar minn meta jirċievi l-"hit" tal-Eurodac jew jikkonferma l-wasla fi żmien xahar minn tali notifika;

(d) iwettaq trasferiment kif imsemmi fl-Artikolu 35 fi żmien sena mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika biex l-applikant jittieħed lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali dwar appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn hemm effett sospensiv f'konformità mal-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament.

2. Meta l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jikkonformax mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d), ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għandha taqa' fuqu jew tiġi ttrasferita lilu.

Or. en

Emenda 574
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IV ***Limiti ta' żmien f'sitwazzjoni ta' force majeure***	IV ***Appoġġ operazzjonali u ta' kapaċità***

Or. en

Emenda 575
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	
2. Meta Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi f'dak il-paragrafu li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-limitu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux	

jibqa' jiġi applikat.

Or. en

Emenda 576
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	
2. Meta Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi f'dak il-paragrafu li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu, mill-aktar fis	

possibbli, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-limitu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' jiġi applikat.

Or. en

Emenda 577
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	
2. Meta Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi f'dak il-paragrafu li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-	

Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-limitu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' jiġi applikat.

Or. en

Emenda 578
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 ***u fl-Artikolu 34(2)*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 ***u mill-Artikolu 34(2)*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru ***u għandu jiġi konklużeżami tal-applikazzjonijiet fuq il-merti mhux aktar tard minn sena***. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.

Or. en

Emenda 579

Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika ***mingħajr dewmien*** lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.

Or. en

Emenda 580
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament

(UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn ***erba'*** ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	(UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn ***tmien*** ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.

Or. es

Emenda 581
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Eurodac]
	Il-limitu ta' żmien ta' 72 siegħa għat-trażmissjoni tad-data bijometrika stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għandu jiġi estiż sa sebat ijiem.

Or. en

Emenda 582
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 583
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 584
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 585
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) jissottometti talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 29 fi żmien ***erba'*** xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet irreġistrata;	a) jissottometti talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 29 fi żmien ***sitt*** xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet irreġistrata;

Or. es

Emenda 586
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) iwieġeb għal talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 30 fi żmien ***xahrejn*** mill-wasla tat-talba;	b) iwieġeb għal talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 30 fi żmien ***tliet xhur*** mill-wasla tat-talba;

Or. es

Emenda 587
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) jissottometti notifika biex l-applikant jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu 31 fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievi l-"hit" tal-Eurodac jew jikkonferma l-wasla fi żmien ***xahar*** minn tali notifika;	c) jissottometti notifika biex l-applikant jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu 31 fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievi l-"hit" tal-Eurodac jew jikkonferma l-wasla fi żmien ***xahrejn*** minn tali notifika;

Or. es

Emenda 588
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jirċievi persuni li huwa responsabbli għalihom skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-	3. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jirċievi persuni li huwa responsabbli għalihom skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-

Kummissjoni, filwaqt li jindika r-raġunijiet preċiżi għal din l-impossibbiltà. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika ma għandux iwettaq it-trasferiment sakemm l-Istat Membru responsabbli ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure. Meta, minħabba l-persistenza tas-sitwazzjoni ta' force majeure jew għal kwalunkwe raġuni oħra, it-trasferiment ma jseħħx fi żmien ***sena*** mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika biex l-applikant jittieħed lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament, b'deroga mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-Istat Membru responsabbli għandu jinħeles mill-obbligi tiegħu li jieħu responsabbiltà ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tiġi ttrasferita lill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika.	Kummissjoni, filwaqt li jindika r-raġunijiet preċiżi għal din l-impossibbiltà. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika ma għandux iwettaq it-trasferiment sakemm l-Istat Membru responsabbli ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure. Meta, minħabba l-persistenza tas-sitwazzjoni ta' force majeure jew għal kwalunkwe raġuni oħra, it-trasferiment ma jseħħx fi żmien ***sentejn*** mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika biex l-applikant jittieħed lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament, b'deroga mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-Istat Membru responsabbli għandu jinħeles mill-obbligi tiegħu li jieħu responsabbiltà ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tiġi ttrasferita lill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika.
	Or. en

Emenda 589
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-	

Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

Or. en

Emenda 590
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-	

Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

Or. en

Emenda 591
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-	

Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

Or. en

Emenda 592
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru	

kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

Or. it

Emenda 593
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali

notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu ***massimu ta' sitt xhur***.	notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu ***sa tnax-il xahar, li jistgħu jiġu estiżi jekk is-sitwazzjoni ta' force majeure tippersisti, permezz ta' talba motivata mill-Istat Membru.***
	Or. es

Emenda 594
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' ***solidarjetà*** fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' ***kontribuzzjoni volontarja*** fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.
	Or. en

Emenda 595
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Koordinatur ta' Kriżi tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġa l-miżuri ta' kriżi stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur ta' Kriżi tal-UE, li se jaġixxi bħala punt ta' kuntatt, sabiex jikkoordina t-tħejjija u r-reżiljenza ta' Stati Membri barra mill-qafas ta' dan ir-Regolament u jikkoordina l-miżuri ta' kriżi skattati minn dan ir-Regolament.
	2. Il-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE għandu b'mod regolari:
	(a) jikkoordina u jappoġġa l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri involuti fil-qafas ta' dan ir-Regolament;
	(b) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet, inkluż f'livell operazzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-aħjar interazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri għat-twettiq ta' dan ir-Regolament;
	(c) ikun aġġornat min-Network tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet fil-qafas tal-istadji rilevanti tal-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji;
	(d) jippromwovi fost l-Istati Membri kultura ta' tħejjija, kooperazzjoni u reżiljenza fil-qasam tal-asil u tal-migrazzjoni, inklużi l-aħjar prattiki tagħhom.
	3. Meta dan ir-Regolament ikun fis-seħħ, il-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE għandu:

(a) jikkoordina r-rwol u l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-Aġenziji rilevanti tal-UE fir-rwoli rispettivi tagħhom fl-appoġġ tal-Istati Membri kif iddeterminat f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(i) il-varar tal-appoġġ operazzjonali u tekniku tal-aġenziji tal-UE fl-Istat Membru kkonċernat immedjatament wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ;

(ii) il-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-faċilitajiet ta' akkoljenza għal persuni li jaslu fil-fruntieri esterni, f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza];

(iii) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-miżuri invokati minnu, inkluż għall-effettività u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 596
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9b
	Miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri
	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi, huwa jista' jitlob miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà minn Stati Membri oħra sabiex jimmaniġġja dik is-sitwazzjoni. Il-kontribuzzjonijiet ta' appoġġ u ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru li jkun qed jiffaċċja

sitwazzjoni ta' kriżi jistgħu jinkludu t-tipi ta' kontribuzzjonijiet li ġejjin:

(a) miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ażil, tar-rilokazzjoni, tal-akkoljenza u tar-ritorn;

(b) appoġġ operazzjonali fil-qasam tal-ażil, tar-rilokazzjoni, tal-akkoljenza u tar-ritorn;

(c) miżuri li għandhom l-għan li jirrispondu għal sitwazzjoni ta' kriżi, inklużi miżuri speċifiċi biex jappoġġaw ir-ritorn, permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi terzi;

(d) kwalunkwe miżura oħra meqjusa adegwata biex tindirizza s-sitwazzjoni ta' kriżi u tappoġġa lill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi għandu jibgħat talba lill-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE għall-kontribuzzjonijiet ta' appoġġ u ta' solidarjetà minn Stati Membri oħra li tispeċifika l-miżuri ta' solidarjetà mitluba.

3. Wara li jirċievi t-talba għal miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE għandu, mill-aktar fis possibbli, jistieden Stati Membri oħra biex jikkontribwixxu permezz tal-miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà msemmija fil-paragrafu 1 li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-Istat Membru li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi. Il-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE għandu jikkoordina l-miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà msemmija f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 597
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9c
	Appoġġ operazzjonali mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil
	1. Fid-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1b(2), il-Kummissjoni tista' tibda il-varar tal-kompiti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA) elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [EUAA] fi Stat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi biex tipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku konkret għas-sistema tal-asil u tal-akkoljenza tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat se jkun meħtieġ jikkoopera f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [EUAA].
	2. L-Aġenzija għandha tipprijoritizza d-disponibbiltà tar-riżorsi operazzjonali meħtieġa, b'mod partikolari billi tipprovdi appoġġ biex jitwettqu l-kompiti u l-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat skont is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil permezz ta':
	(a) l-iskjerament ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil;
	(b) ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;
	(c) it-twettiq ta' intervisti personali tal-applikanti dwar l-applikazzjonijiet tagħhom u ċ-ċirkostanzi tal-wasla tagħhom;
	(d) l-appoġġ għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni xierqa ta' applikanti vulnerabbli;
	(e) il-provvista lill-applikanti jew lill-applikanti potenzjali għall-protezzjoni internazzjonali b'informazzjoni u assistenza speċifika li jista' jkollhom bżonn.

Emenda 598
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9d
	Appoġġ operazzjonali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
	1. Fid-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1b(2), il-Kummissjoni tista' tibda l-varar tal-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikoli 38 sa 40 u l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/1896 fi Stat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi biex tipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u tar-ritorn. L-Istat Membru kkonċernat se jkun meħtieġ jikkoopera.
	2. L-Aġenzija għandha tipprijoritizza li tagħmel disponibbli r-riżorsi operazzjonali meħtieġa. B'mod partikolari, hija għandha tipprovdi appoġġ billi twettaq il-kompiti u l-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat fl-ambitu tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil permezz ta':
	(a) l-iskjerament tal-korp permanenti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż fejn xieraq billi jiġi skjerat persunal mir-Riżerva ta' Reazzjoni Rapida, b'mod partikolari permezz ta':
	(i) l-appoġġ fil-kontrolli fil-fruntieri u l-identifikazzjoni tal-migranti, inklużi l-kontrolli tan-nazzjonalità u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, b'mod partikolari għall-identifikazzjoni ta'

minorenni u ta' migranti vulnerabbli oħra, li jassistu fl-iżgurar ta' riferiment xieraq għall-proċedura rilevanti;

(ii) l-għoti ta' appoġġ b'tagħmir tal-EURODAC u persunal li jappoġġa r-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti;

(b) it-tnedija ta' intervent rapidu fil-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 39(5) tar-Regolament (UE) 2019/1896 u/jew intervent ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 53 ta' dak ir-Regolament;

(c) l-appoġġ tar-ritorni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jew ma applikawx għall-protezzjoni internazzjonali jew li d-dritt tagħhom li jibqgħu fit-territorju jkun spiċċa, b'mod partikolari billi jassistu:

(i) fl-attivitajiet ta' qabel ir-ritorn, inkluż konsulenza dwar ir-ritorn u appoġġ għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi billi jiġu organizzati missjonijiet ta' identifikazzjoni u jiġu pprovduti servizzi ta' vidjokonferenza għal intervisti ta' identifikazzjoni;

(ii) fir-ritorni volontarji;

(iii) fl-operazzjonijiet ta' ritorn permezz ta' titjiriet kummerċjali u charter, inkluża l-iskorta ta' persuni rimpatrijati lejn il-pajjiż terz ta' oriġini u, jekk xieraq, attivitajiet ta' wara r-ritorn f'pajjiżi terzi.

(d) l-assistenza fil-forniment ta' tagħmir tekniku u fil-forniment ta' kwalunkwe appoġġ rilevanti ieħor.

Or. en

Emenda 599
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 9e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9e
	Appoġġ għall-finanzjament
	1. L-appoġġ għall-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, abbażi tal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament.
	2. L-appoġġ għall-finanzjament f'każ ta' emerġenza għall-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi jista' jingħata skont l-Artikolu 31(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/1147.
	3. Il-faċilitajiet użati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi l-kostruzzjoni, it-tħaddim u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet ta' emerġenza meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandards previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 600
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Kapitolu V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
V Għoti ta' protezzjoni immedjata	V Għoti ta' ***protezzjoni internazzjonali prima facie u*** protezzjoni immedjata

Or. en

Emenda 601
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kapitolu V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
V ***Għoti ta' protezzjoni immedjata***	V ***Proċeduri simplifikati u aċċellerati għal każijiet fondati sew***

Or. en

Emenda 602
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Kapitolu V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
V Għoti ta' protezzjoni ***immedjata***	V Għoti ta' protezzjoni ***internazzjonali prima facie***

Or. en

Emenda 603
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Kapitolu V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
V Għoti ta' ***protezzjoni immedjata***	V Għoti ta' ***dritt temporanju ta' soġġorn***

Or. en

Emenda 604
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie
	1. F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1)(a), l-Istati Membri għandhom jagħtu protezzjoni internazzjonali prima facie f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' applikanti b'pajjiż speċifiku ta' oriġini jew b'residenza abitwali preċedenti jew fir-rigward ta' gruppi speċifiċi ta' applikanti fuq il-bażi ta' ċirkostanzi evidenti u oġġettivi faċilment, b'mod partikolari meta r-raġuni għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali ta' grupp ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjoni simili tkun evidenti bħar-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika jew is-sħubija fi grupp soċjali partikolari;
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie jibbenefikaw minn status ta' rifuġjat u jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] applikabbli għal rifuġjati rikonoxxuti.
	3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni mogħtija protezzjoni internazzjonali prima facie b'dokument, kif ukoll, jekk applikabbli, kopja ċċertifikata f'lingwa li jistgħu jifhmu, li tiċċertifika l-istatus tagħhom.
	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jkunu ġew esklużi mill-protezzjoni internazzjonali prima facie

jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra d-deċiżjoni ta' esklużjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

5. Id-deċiżjoni li tiġi applikata protezzjoni internazzjonali prima facie fir-rigward ta' grupp partikolari ta' applikanti għandha tinżamm taħt rieżami perjodiku u tibqa' valida sakemm tiġi tterminata mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat, wara kunsiderazzjoni xierqa tal-informazzjoni aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini jew ir-residenza abitwali preċedenti, jew informazzjoni aġġornata dwar il-gruppi speċifiċi rilevanti eliġibbli għall-protezzjoni internazzjonali prima facie, u wara konsultazzjoni mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra.

6. Deċiżjoni li tintemm l-applikazzjoni ta' protezzjoni internazzjonali prima facie la għandha taffettwa l-istatus ta' rifuġjat ta' dawk li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali prima facie u lanqas id-dritt li japplikaw, jekk applikabbli, għall-ażil jew għal forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali fi ħdan il-proċeduri ta' determinazzjoni tal-istatus individwali.

7. Meta teżerċita s-setgħat tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta regolarment mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), mal-Parlament Ewropew u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jappoġġa l-inklużjoni mir-Rapporteur tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie u jemmen li dan jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni minn Stat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza. Se tgħin ukoll biex tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet individwali ta' dawk li jfittxu l-ażil.

Emenda 605

Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata	
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), u abbażi ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' persuni spustati minn pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni immedjata lill-persuni kkonċernati, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. Dan l-istatus għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwa tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru rilevanti.	
Artikolu 10 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-gruppi li għalihom għandhom japplikaw il-proċeduri aċċellerati u ssimplifikati skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-

Artikolu, għandha tiġi rieżaminata kull tliet xhur u, meta s-sitwazzjoni għal dawn il-persuni tkun inbidlet, jista' jiġi adottat att ta' implimentazzjoni rivedut. Ir-rieżami għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini, jew informazzjoni aġġornata dwar il-gruppi speċifiċi rilevanti. Il-konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti għandhom isiru wkoll qabel din id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 655
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-protezzjoni immedjata kif previst f'dan ir-Regolament għal kategoriji addizzjonali ta' persuni spostati minbarra dawk li l-Kummissjoni ħasbet għalihom fl-Artikolu 10(1), meta jiġu spostati għall-istess raġunijiet u mill-istess pajjiż jew reġjun ta' oriġini, jew post ta' residenza abitwali.

Or. en

Emenda 656
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4d. Il-persuni li jingħataw protezzjoni immedjata għandhom jitħallew iressqu applikazzjoni għall-ażil f'kull ħin. L-

eżami ta' kwalunkwe applikazzjoni għall-ażil mhux ipproċessata qabel it-tmiem tal-perjodu ta' protezzjoni immedjata għandu jiġi kkompletat immedjatament wara t-tmiem ta' dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 657
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4e. Deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun mingħajr preġudizzju għat-tgawdija ta' protezzjoni immedjata għall-bqija tal-perjodu ta' protezzjoni ddeterminat.

Or. en

Emenda 658
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4f. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni eliġibbli jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħhom għal status ta' protezzjoni immedjata minn Stat Membru.

Or. en

Emenda 659

Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Għoti ta' status ta' protezzjoni internazzjonali prima facie
	1. F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħtu protezzjoni internazzjonali prima facie lill-applikanti minn pajjiż ta' oriġini speċifiku jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat li jfittxuażil, il-pajjiż ta' residenza abitwali preċedenti tagħhom, jew gruppi speċifiċi ta' applikanti, abbażi ta' ċirkostanzi faċilment evidenti u oġġettivi fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' residenza abitwali preċedenti tagħhom. Approċċ prima facie jirrikonoxxi li dawk li qed jaħarbu minn dawn iċ-ċirkostanzi huma f'riskju ta' ħsara li tagħmilhom jikkwalifikaw biex jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika].
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni mogħtija protezzjoni internazzjonali prima facie jibbenefikaw mill-istatus ta' rifuġjati u jkollhom aċċess għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika].
	3. L-applikanti li jkunu ġew miċħuda l-għoti ta' status ta' protezzjoni internazzjonali prima facie għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal.
	4. Id-deċiżjoni li tiġi applikata proċedura ta' protezzjoni internazzjonali prima facie għal grupp partikolari ta' applikanti

għandha tittieħed mill-Kummissjoni, permezz ta' att delegat, u tiġi rieżaminata regolarment biex jiġi vverifikat jekk gruppi oħra għandhomx jiżdiedu mal-lista abbażi ta' informazzjoni aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini jew abbażi ta' gruppi speċifiċi rilevanti u konsultazzjoni mal-UNHCR u mal-Parlament Ewropew.

5. Id-deċiżjoni li tintemm is-sitwazzjoni ta' emerġenza ma għandhiex taffettwa lill-applikanti fi proċedura li tkun għaddejja u lanqas lill-persuni li jkunu ngħataw tali status.

Or. en

Emenda 660
Emmanouil Fragkos, Beata Kempa

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Tneħħija ta' status ta' protezzjoni internazzjonali
	L-Istati Membri għandhom ifasslu lista, li tinkludi:
	1. it-tneħħija ta' reġimi ta' protezzjoni internazzjonali;
	2. refuġjati li jkollhom rekords ta' ksur kriminali.

Or. en

Emenda 661
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	Monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tad-drittijiet fundamentali
	1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' rapporti trimestrali dwar persuni li jkunu qed jiġu ttrasferiti lejn l-Istati Membri differenti u dwar in-numri ta' persuni li jkunu qed jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie. Din id-data għandha tiġi diżaggregata skont l-età, in-nazzjonalità, il-ġeneru. Fil-każ ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rilokazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'perjodu ta' inqas minn tliet xhur.
	2. Abbażi tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-ażil li għandu jiġi previst fl-ambitu tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] kif ukoll tar-rapporti tal-Aġenzija għall-Ażil, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-UNHCR u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, il-Kummissjoni Ewropea għandha tibda proċeduri ta' ksur fil-każ ta' nuqqas ripetut ta' konformità mal-obbligi ta' rilokazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament jew jekk jinstabu nuqqasijiet sinifikanti fil-ġestjoni tal-proċeduri għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil jew tal-miżuri ta' akkoljenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat li jkunu ġew ittrasferiti.
	3. L-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tal-fruntieri fit-territorji tal-Istati Membri matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, kemm jekk imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-aġenziji rilevanti tal-UE, kif ukoll kwalunkwe attività bħal din

imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali barra mit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda mill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fl-ażil għandhom jiġu mmonitorjati skont il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar].

Or. en

Emenda 662
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kapitolu Va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	V a Monitoraġġ u tul ta' żmien ta' sitwazzjoni ta' kriżi

Or. en

Emenda 663
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kriżi
	1. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Koordinatur ta' Kriżi tal-UE, għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-aspetti li ġejjin:

(a) l-aċċess li l-atturi kompetenti kollha jkollhom għal faċilitajiet użati fil-kuntest tal-miżuri skattati minn dan ir-Regolament;

(b) kundizzjonijiet ta' akkoljenza u rekwiżiti speċifiċi għall-proċedura ta' ġestjoni tal-ażil f'każ ta' kriżi u l-proċedura ta' ġestjoni tar-ritorn f'każ ta' kriżi;

(c) ir-rispett għad-drittijiet proċedurali, bħall-aċċess għall-informazzjoni, għall-assistenza u r-rappreżentanza legali u għall-interpretazzjoni jew id-dritt għal rimedju effettiv;

(d) il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċedura ta' ġestjoni tal-ażil f'każ ta' kriżi u l-proċedura ta' ġestjoni tar-ritorn f'każ ta' kriżi.

2. Il-Kummissjoni għandha twissi lil Stat Membru meta l-kapaċità ta' post li jkun innotifika skont l-Artikolu 41(14) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] hija temporanjament insuffiċjenti għall-finijiet tal-ipproċessar tal-applikanti.

Or. en

Emenda 664
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	Monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali f'sitwazzjoni ta' kriżi
	1. L-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu investigati kif xieraq

bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li għandhom kompetenzi ta' monitoraġġ, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dak il-mekkaniżmu għandu jkollu l-għan li:

(a) jiżgura li l-atturi kollha involuti fil-miżuri skattati minn dan ir-Regolament jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali;

(b) jiżgura l-konformità, meta applikabbli, mar-regoli Ewropej dwar id-detenzjoni tal-persuni, b'mod partikolari r-regoli li jikkonċernaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni u t-tul ta' żmien tagħha;

(c) jiżgura li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċedura ta' ġestjoni tal-ażil f'każ ta' kriżi u tal-proċedura ta' ġestjoni tar-ritorn f'każ ta' kriżi, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u l-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi salvagwardji adegwati biex tiggarantixxi l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni gwida ġenerali dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, inkluż fir-rigward tal-funzjonament indipendenti tal-mekkaniżmu, il-metodoloġija tal-monitoraġġ li tuża u skemi xierqa ta'

taħriġ.

Il-Kummissjoni tista' tistieden organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti jipparteċipaw fil-monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. Meta l-monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 2 jiddetermina li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni għandha tadotta penali xierqa u proporzjonati.

Or. en

Emenda 665
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 10c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10c
	It-tmiem ta' sitwazzjoni ta' kriżi
	1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 10a(1), għandha żżomm is-sitwazzjoni ta' kriżi taħt monitoraġġ u rieżami kostanti fir-rigward tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri ta' kriżi skattati minn dan ir-Regolament.
	2. Is-sitwazzjoni ta' kriżi li tiskatta l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tibqa' tapplika sakemm il-Kummissjoni tiddetermina li s-sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru tkun intemmet.
	Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11. Hija

għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-istess kriterji kif elenkati fl-Artikolu 1b(3b).

3. Il-Kunsill jista' jagħmel talba motivata lill-Kummissjoni biex tiddetermina li tkun intemmet sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru.

Or. en

Emenda 666
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi ta' solidarjetà
	1. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mal-obbligi ta' solidarjetà stabbiliti f'dan ir-Regolament, u b'hekk jikser il-prinċipji minquxa fl-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew aktar mill-miżuri xierqa li ġejjin: Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
	(a) meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni b'ġestjoni diretta jew indiretta skont l-Artikolu 62(1)(a) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, u meta entità tal-gvern tkun ir-riċevitur:
	(i) sospensjoni tal-pagamenti jew tal-implimentazzjoni tal-impenn legali jew terminazzjoni tal-impenn legali skont l-Artikolu 131(3) tar-Regolament Finanzjarju;

(ii) projbizzjoni li jsiru impenji legali ġodda;

(iii) sospensjoni tal-iżborż ta' pagamenti parzjali, b'mod sħiħ jew parzjali, jew ħlas lura bikri ta' self garantit mill-baġit tal-Unjoni;

(iv) sospensjoni jew tnaqqis tal-vantaġġ ekonomiku fl-ambitu ta' strument garantit mill-baġit tal-Unjoni;

(v) projbizzjoni li tidħol fi ftehimiet ġodda dwar self jew strumenti oħra ggarantiti mill-baġit tal-Unjoni;

b) meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont l-Artikolu 62(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju:

(i) sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar, jew emendar tagħha;

(ii) sospensjoni tal-impenji;

(iii) tnaqqis tal-impenji, inkluż permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji jew trasferimenti għal programmi ta' nfiq oħra;

(iv) tnaqqis fil-prefinanzjament;

(v) interruzzjoni tal-iskadenzi tal-pagamenti;

vi) sospensjoni tal-pagamenti.

Or. it

Emenda 667
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni	

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

3. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

Or. en

Emenda 668
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Adozzjoni ta' ***atti ta' implimentazzjoni***	Adozzjoni ta' ***deċiżjonijiet tal-Kunsill***

Or. en

Emenda 669

Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Adozzjoni ta' atti ***ta' implimentazzjoni***	Adozzjoni ta' atti ***delegati***

Or. en

Emenda 670
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 671
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija	***imħassar***

fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Or. en

Emenda 672
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta*** atti ***ta' implimentazzjoni*** fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6***, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).***	1. ***Il-Kunsill jista' jadotta*** atti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6.

Or. en

Emenda 673
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli ***4, 5 u 6,*** u li jwasslu ***għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata*** skont	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli ***2, 3a, 3b, 4, 5, 5a, u 5b*** u li jwasslu ***għall-obbligu li jiġu applikati***

l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

proċeduri ssimplifikati u aċċellerati skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Or. en

Emenda 674
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2)***.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati f'konformità mal-Artikolu 12b dwar miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2b wara adozzjoni tad-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' emerġenza u deċiżjoni biex tintemm sitwazzjoni ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 11a***.

Or. en

Emenda 675
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' ***status ta' protezzjoni immedjata*** skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' ***permess ta' residenza temporanju*** skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati

skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).	skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Or. en

Emenda 676
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, ***u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, ***skont l-applikazzjonijiet motivati tal-Istat jew l-Istati Membri affettwati***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Or. es

Emenda 677
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont	***imħassar***

l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

Or. en

Emenda 678
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 679
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba ***s-sitwazzjoni*** ta' ***kriżi*** kif definita fl-	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba ***sitwazzjoni*** ta' ***emerġenza*** kif definita fl-

Artikolu ***1(2) fi Stat Membru***, ***il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont*** il-proċedura ***msemmija*** fl-Artikolu ***12(3)***.	Artikolu ***1a(1)(a)***, il-proċedura ***prevista*** fl-Artikolu ***12c għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 680
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, ***il-Kummissjoni għandha tadotta*** atti ***ta' implimentazzjoni*** applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6***, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).***	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, ***il-Kunsill jista' jadotta*** atti applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6.

Or. en

Emenda 681
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli ***4, 5 u 6***, u tal-iskattar ***tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata*** skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli ***2, 3a, 3b, 4, 5, 5a, u 5b***, u tal-iskattar ***tal-obbligu li jiġu applikati proċeduri ssimplifikati u aċċellerati*** skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

Or. en

Emenda 682
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, ***u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, ***skont l-applikazzjonijiet motivati tal-Istat jew l-Istati Membri affettwati***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

Or. es

Emenda 683
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kunsill għandha dejjem tirrispetta bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tiddetermina s-sitwazzjoni ta' kriżi u l-firxa eżatta ta' miżuri stabbiliti mill-Kunsill Ewropew li għandhom jiġu applikati f'tali sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 684
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.	***imħassar***

Or. en

Emenda 685
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-atti ta' implimentazzjoni ghandhom jibqghu fis-sehh ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena.	***imhassar***

Or. en

Emenda 686
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel

Proposta ghal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-atti ta' implimentazzjoni ghandhom jibqghu fis-sehh ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena.	***imhassar***

Or. en

Emenda 687
Jorge Buxadé Villalba

Proposta ghal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-atti ta' implimentazzjoni ghandhom jibqghu fis-sehh ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena.	3. L-atti ta' implimentazzjoni ghandhom jibqghu fis-sehh ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena. ***jista' jiġi estiż jekk is-sitwazzjonijiet li taw lok għalihom jibqgħu jippersistu, b'sempliċi talba motivata mill-Istat Membru***.

Or. es

Emenda 688
Damian Boeselager

Proposta ghal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu*** fis-seħħ għal perjodu ta' ***mhux aktar minn sena***.	3. ***L-att delegat għandu jibqa'*** fis-seħħ għal perjodu ta' ***sitt xhur***.

Or. en

Emenda 689
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2b u 11a għal perjodu ta' ħames snin minn [data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2d u 11a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data

aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2d, l-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 10b għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni f'perjodu ta' [ġimagħtejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu informaw, it-tnejn li huma, lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw.

Or. en

Emenda 690
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Meta ssir referenza għal dan il-	

paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Or. en

Emenda 691
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.	

Or. en

Emenda 692
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

12	Proċedura ta' ***Kumitat***	12 Proċedura ta' ***urġenza***

Or. en

Emenda 693
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***.	1. ***L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza***.

Or. en

Emenda 694
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu ***3***, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu ***1b***, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 695
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***.	2. ***Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 2b(4). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill***.

Or. en

Emenda 696
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 697
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Emendi għar-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil]

1. F'sitwazzjoni ta' kriżi, ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil][10a] jiġi emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 22, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Jekk Stat Membru jkun f'sitwazzjoni ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil kif iddeterminat skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kriżijiet u l-Force Majeure],

Il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 1b tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kriżijiet u l-Force Majeure], tista' tadotta deċiżjoni mingħajr dewmien, tidentifika waħda jew aktar mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 16(2) li għandhom jittieħdu mill-Aġenzija biex tappoġġa lill-Istat Membru kkonċernat u tirrikjedi li l-Istat Membru jikkoopera mal-Aġenzija fl-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni, jiddetermina d-dettalji tal-implimentazzjoni prattika tad-deċiżjoni. B'mod parallel, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal il-pjan operazzjonali u jissottomettih lill-Istat Membru kkonċernat. Id-Direttur Eżekuttiv u l-Istat Membru kkonċernat għandhom jaqblu dwar il-pjan operazzjonali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tas-sottomissjoni tiegħu.

[10a] Ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].

Or. en

Emenda 698
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12b
	Emendi għar-Regolament (UE) 2019/1896 [Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta]
	1. F'sitwazzjoni ta' kriżi, ir-Regolament (UE) 2019/1896[10b] huwa emendat kif ġej:
	Fl-Artikolu 36, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tintuża fuq deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 1b tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kriżijiet u l-Force Majeure] b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' Stat Membru fir-rigward tal-kontroll tal-fruntieri esterni. L-Aġenzija għandha twettaq ukoll miżuri f'konformità mal-Artikoli 41 u 42."
	2. Fl-Artikolu 40, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:
	"1. Meta Stat Membru jkun f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tintuża fuq deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 1b tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kriżijiet u l-Force Majeure] biex tipprovdi tisħiħ tekniku u operazzjonali minn timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni magħmula minn esperti li ġejjin minn korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni li għandhom joperaw f'konformità mal-mandati tagħhom.
	2. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom jeżaminaw, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni għat-tisħiħ, u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tiegħu bil-għan li jiddefinixxu

pakkett komprensiv ta' tisħiħ li jikkonsisti f'diversi attivitajiet ikkoordinati mill-korpi, l-uffiċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina dak il-proċess."

_____

*[10b] **Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (L 295/1, 14.11.2019).***

Or. en

Emenda 699
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Revoka	
Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE qed titħassar b'effett minn xxx (data).	

Or. en

Emenda 700
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Revoka	

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE qed tiħassar b'effett minn xxx (data).

Or. en